## Seduta numru 52. Illum it-Tlieta, 1 ta' April 2009

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

**Approvazzjoni tal-Minuti**
**Korrispondenza**
**Komunikazzjonijiet**
**Offerta ghall-Madum tat-Toilets ta' l-Estensjoni**
**Offerta ghall-Bibien ta' l-Estensjoni**
**Offerta ghall-Computer ghall-Ufficcju Amministrattiv**
**Performance Appraisal Haddiema Klerikali**
**Performance Appraisal Segretarju Ezekuttiv**
**Festa Frawli, April 2009**
**Affarijiet Mixxelanji**

### PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt, il-Kunsillier David Battistino

### ASSENTI

Il-Kunsillier Victoria Sammut, minhabba ragunijiet ta' sahha
il-Kunsillier Agostino Ebejer minhabba impenji ohra

Il-laqgha giet immexxija mis-Sindku.

### MINUTI

**<u>424.0 Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

424.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

424.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, Is-Sindku rrakkomanda l-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Kunsilliera approvaw il-Minuti u dawn gew ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**<u>425.0 Korrispondenza</u>**

425.1 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv gew mistiedna ghal-laqgha informattiva dwar Skema gdida ta' fondi biex il-Kunsill ikun accessibbli ghal kulhadd u skema dwar fondi taht l-iskema rurali 313 u 323, nhar is-6 ta' April.

425.2 Il-Kunsill gie nfurmat li harget l-applikazzjoni ghal progett Leader u din se taghlaq fid-29 ta' Mejju. Il-Kunsill se jkun qed jippartecipa bhala parti mill-Grupp Majjistral
425.3 Il-Kunsill innota li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2009-2010 hija ta' € 361,802. Il-Kunsill innota r-rakkomandazzjonijiet li qed jaghmel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali in konnessjoni ma l-allokazzjoni.

425.4 Il-Kunsill qabel li bhala parti mill-Community Work scheme, jitlob ghal gardinar, cleaner u handyman.

**426.0 Korrispondenza**

426.1 Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv iltaqa' ma' Ufficjali mis-Segretarjat taz-zghazagh u sport, l nfurmaw li gie approvat il-progett li applika ghalih il-Kunsill dwar l-iskemi ta' l-isport Youths on the Move u Orientament. Dawn l-attivitajiet sportivi mistennija jibdew f'Mejju.

426.2 Is-Sindku nforma dwar il-laqgha li kellu ma Ufficjali mill-kumpanija alliance francaise dwar il-possibilita li juzaw l-Ufficini tal-Kunsill biex jorganizzaw il-korsijiet tal-Franciz. Is-Sindku qabel li dawn se jibghatu proposta bil-miktub dwar din il-proposta. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li jospita dawn il-korsijiet fil-Kunsill.

426.3 Is-Sindku nforma li fil-jiem li ghaddew iltaqa' ma' Ufficjali tal-MInisteru ta' l-ambjent u affarijiet rurali li offrew l-ghajnuna taghhom fl-organizzazzjoni ta' Festa Frawli li se ssir fis-26 ta' April. Is-Sindku nforma li issa se jkun qed jitkellem mal-Kummissjoni Lejla Mgarrija biex jinfurmahom f'dan ir-rigward. Wara jkunu jistghu isiru aktar diskussjonijiet maghhom fid-dettall.

426.4 Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv iltaqa' ma rapprezentanti tal-Bank BOV biex tigi diskussa l-possibilita li l-Kunsill jinghata Bank Loan biex jillesti l-estensjoni tal-Kunsill. Huwa qal li kienet laqgha posittiva hafna u ghandhom interess li jghinu 'l Kunsill f'dan il-progett. Huma nfurmaw li se jibghatu konferma dwar il-loan bil-miktub. Il-Kunsill kien sodisfatt hafna.

426.5 Is-Sindku nforma li dwar l-estensjoni tal-Kunsill, l-aluminium wasal fi stadju avvanzat hafna, jonqos biss li jigi xi materjal minn barra biex ikun jista' jigi finalizzat. Barraminhekk qed jigi ffinalizzat ix-xoghol fuq l-iskirting mill-handymen tal-Kunsill, xoghol ta' kisi u plumbing.

426.6 Is-Sindku nforma li saret laqgha mis-Supretendent tad-distrett dwar il-problema ta' caravans li qed jinzlu l-Gnejna. Huwa qal li f'dan il-punt, il-pulizija ma jistghu jiehdu l-ebda passi biex dawn jitnehhew, madanakollu rrakkomanda li jsiru laqghat ma Ufficjali mill-MEPA, biex tinstab soluzzjoni ghal din il-problema.

426.7 Il-membri tal-Kunsill se jkunu qed jippartecipaw fil-purcissjoni tal-Duluri, b'mod simboliku, nhar il-Gimgha, 4 ta' April.

**427.0 Offerta ghall-Madum tat-Toilets ta' l-Estensjoni**

427.1 Il-Kunsill innota s-samples sottomessi in konnessjoni mat-toilets ta' l-estensjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li parti mill-madum jinxtara mill-kumpanija Blueline u parti tinxtara mill-kumpanija Bathroom Design.

**428.0 Offerta ghall-Bibien ta' l-Estensjoni**

428.1 Il-Kunsill gabar stimi ghall-bibien ta' l-Oak ghall-estensjoni ta' l-Ufficcju Amministrattiv. Il-Kunsill qabel li dawk ta' l-ewwel sular ta' l-estensjoni jigu ordnati mill-kumpanija St. Anthony Woodwork, filwaqt li dawk tat-toilets jigu ordnati mill-kumpanija , peress li dawn kienu l-orhos offerti sottomessi ghal dan il-ghan.

**429.0 Offerta ghall-Computer ghall-Ufficcju Amministrattiv**

429.1 Is-Sindku ppropona li jinxtara laptop biex jintuza mis-Segretarju Ezekuttiv, biex jippermetti li hija tahdem ahjar, anke meta tkun barra mill-Ufficcju.

429.2 Wara li gew studjati l-istimi migbura, kien hemm qbil unanimu li jinxtara l-mudell Dell Studio 15 mill-kumpanija Intercomp ghall-prezz ta' € 1

**430.0 Performance Appraisal Haddiema Klerikali**

430.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill bl-andament tal-performance taz-zewg impjegati klerikali; is-Sinjura Natasha Cassar u s-sinjura Yvonne Muscat. Hija nfurmat li f'dawn l-ahhar xhur innutat titjib sostanzjali fix-xoghol li qed iwettqu z-zewg haddiema klerikali u ghalhekk irrakkomandat il-full performace bonus.

430.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni li ghamlet is-Segretarju Ezekuttiv.

**431.0 Performance Appraisal Segretarju Ezekuttiv**

431.1 Is-Segretarju Ezekuttiv giet skuzata mil-laqgha f'dan il-hin biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-Performace appraisal taghha.

431.2 Wara d-diskussjoni, is-Sindku talabha tidhol lura fil-kamra, fejn infurmaha li l-Kunsill qabel unanimament li tinghata l-Full Performace Bonus. Kien hemm ringrazzjament reciproku f'dan ir-rigward.

**432.0 Festa Frawli, April 2009**

432.1 Billi dan l-Item kien diskuss aktar kmieni waqt il-laqgha, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jghaddi ghall-Item li jmiss fuq l-Agenda.

432.2 Giet approvata l-lista ta' hlasijiet annesa ma dawn il-Minuti.

432.3 Billi ma kienx hemm aktar punti ghad-diskussjoni, is-Sindku ghalaq il-laqgha fid-9.00pm.

Christine Lewis

Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku